MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tas-7 ta' April, 2003

Numru 159/2003

**Artikoli 334, 325 (d), 42 (d), 261 (b) (c) (f) (g), 263, 267, 265, 270, 271 (g), 278, 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Maria Stella Cutajar**

**V**

**CARMEL SPITERI**
**SANDRO MALLIA**
**CLINT GRIMA**

**Seduta ta' llum, 7 ta' April, 2003**
**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **CARMEL SPITERI** ta' wiehed u ghoxrin sena bin Domenic u Rita nee Camilleri, imwieled nhar is-sebgha ta' Awissu, 1980 u residenti Camrata Buildings, numru 3, 2nd Floor, Merchant Street, Valletta u detentur tal-karta tal-identita numru 378380 M, **SANDRO**

**MALLIA** ta’ tnjen u ghoxrin sena bin Carmel u Carmen nee Agius, imwieled tal-Pieta` nhar l-erbatax ta’ Ottubru, 1979 u residenti numru 8, Camrata Buildings, Merchant Street, Valletta u dententur tal-karta tal-identita` nurmu 485779M u **CLINT GRIMA** ta’ ghoxrin sena, bin Raymond u Doreen nee Psaila, imwieled tal-Pieta` nhar l-erbatax ta’ April, 1982 u residenti numru 17, Flat 2, Triq il-Bjar, Valletta detentur tal-karta` tal-identita` numru 233082 M, gew mressaqa quddiemha akkuzati talli:

a. Fil-hmistax ta’ Lulju, 2001 u fiz-zminijiet ta’ qabel din id-data minn gewwa Freeport area Triq Hal Far, B’Bugia b’diversi azzjonijiet maghmulin minnhom fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda, ikkommettew serq ta’ oggetti cioe` “stereos”, “speakers” u oggetti ohra minn gewwa diversi vetturi, fosthom vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta’ registrazzjoni tal-vettura mhux maghrufa liema valur huwa ammontabbli ghal aktar minn mitt lira Maltin izda anqas minn elf lira Maltin liema serq huwa kwalifikat fil-valur, mezz, hin u haga misruqa u liema serq sar ghad-detriment ta’ nies mhux maghrufa.

b. Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer sew jekk f’Malta jew barra minn Malta xjentement laqghu ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahhlu biex ibighuhom jew imexxuhom.

c. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontajament hassru jew ghamlu hsara hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli fuq diversi vetturi bin-numru ta’ registrazzjoni mhux maghrufa liema hsara tammonta ghall-valur mhux maghruf.

d. Lill-imputat Clint Grima wahdu, talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b’xi mod li jkun xjentement ghen jew assista lill-persuni fuq l-imsemmija cioe` Carmel Spiteri u Sandro Mallia tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt kien gie ppreparat jew ikkunsmat skond l-artikolu 42 (d) tal-Kap 9 tal-Ligijet ta’ Malta.

Il-Qorti semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi “a”, “c” u “d” u wisset lill-istess imputati b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u taghthom ftit taz-zmien biex jekk riedu setghu jergaw lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tat-tlieta ta’ April, 2003 u dana fil-prezenza tal-avukat difensur taghhom.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputati, hija sodisfatta li l-imputati ghandhom jinstabu hatja tal-akkuzi kif ammessi minnhom.
Rat illi l-Prosekuzzjoni rrinunzjat ghall-akkuza “b” u cioe` dik ta’ ricettazzjoni peress illi inghatat b’mod alternattiv ghall-akkuza ta’ serq u ghalhekk l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ din l-istess akkuza.

Ikkunsidrat ai fini ta’ piena dak li ddikjarat il-Prosekuzzjoni fis-seduta tat-tlieta ta’ April, 2003 u cieo` li l-imputati ikkolaboraw bis-shih maghha tul l-proceduri kollha sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni.

Rat ukoll illi r-resfurtiva giet kollha ritornata u tinsab esebita il-Qorti u ghalhekk konsegwentement din tista tinghata lura lil sidha legittima una volta issir id-domanda apposita.

Rat illi l-fedini penali tal-imputati esebita fl-atti mmarkati bhala dokumenti CSH 3, CSH 4 u CSH 5 huma indellibbli minghajr ebda tebgha ta’ reat irregistrata fuqhom.

Rat illi l-imputati ghandhom eta` zghira u dak li ghamlu ghamluh bi bluha.

Rat illi r-reati in disamina gew solvuti fuq l-ammissjoni tal-imputati stess fil-mument meta irrilaxxjaw l-istqarrija taghhom skond ma qalet l-Ufficcjal Prosekutur f’dawn l-atti.

Rat l-artikolu tal-ligi u cioe` 334, 325 (d), 42 (d), 261 (b) (c) (f) (g), 263, 267, 265, 270, 271 (g), 278, 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti thoss illi

l-piena idonea hija dik illi tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation.

**Ghalhekk wara li rat l-artikolu tal-ligi u cioe` 334, 325 (d), 42 (d), 261 (b) (c) (f) (g), 263, 267, 265, 270, 271 (g), 278, 280 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputati CARM,EL SPITERI, SANDRO MALLIA U CLINT GRIMA hatja tal-ewwel, it-tielet u r-raba', akkuzi ai termini tal-artikou 7(1) tal-Kap 466 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tpoggi lit-tlett imputati taht ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tlett snin u tordna lid-Direttur tal-Probation Services jinnomina ufficjal tal-probation li hu jahseb li f'din ic-cirkostanza huwa il-kandidat idoneju. L-ufficjal tal-Probation ghandu izomm il-Qorti nfurmat bl-izvilupp tal-imputati.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation u kopja tigi moghtija lill-imputati.**

**Il-Qorti fissret l-import ta' din is-sentenza lill-imputati li ddikjaraw li fehemu t-tifsira taghha.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------